MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 207/2009

**GO P.L.C.
(C22334)**

**Vs**

**Mary Attard
(I.D. 493666M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erba' mija u disgha u sebghin euro u sebgha centemzi (€479.07) dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21691437 (CN 660987 AC 100251738) skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenuta u skond id-dokumenti "IZY1" u "IZY2" annessi ma' l-Avviz

tat-Talba. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra il-konvenuta.

Ra illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u l-istess konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-terminu lilha prefiss mil-Ligi.

Ra l-atti tal-kawza fosthom id-dokumenti a fol.2 u fol.3 tal-process.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici fit-8 ta' Mejju 2009 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u disgha u sebghin euro u sebgha centemzi (€479.07) bl-imghax legali dekoribbli mis-17 ta' Marzu 2009, id-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-Talba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------